IT-TIENI KTIEB — IT-TMIENJA U TLETIN SENA — ĠUNJU 1962

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ
*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*
KULL TLIET XHUR

KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

EDITORJAL — Ħarsa lura u oħra 'l quddiem ... ... ... faċċ. 33

DUN FRANS CAMILLERI — *Lil Dun Mikiel Xerri* ... ... ... ,, 35

K. VASSALLO — Il-Poeżjia u Aħna ... ... ... ... ... ,, 36

JOE BUSUTTIL — *Serħien* ... ... ... ... ... ... ... ,, 41

ANTON AGIUS MUSCAT — Lejla Dawl ta' Qamar ... ... ... ,, 42

JOE MEILAK — *Waħdi* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 48

ĠUŻE' CARDONA — *Għaliex Mulejja?* ... ... ... ... ,, 49

A.Z. — Ġorġ Pisani — Poeta ... ... ... ... ... ,, 51

EDITUR — Kronaka tal-Għaqda — Rapport Amministrativ ... ,, 55

G. BORG PANTALLERESCO — *Il-Għid it-Tajjeb!* ... ... ... ,, 60

REĊENSJONIJIET ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 61

DIRETTUR: Prof. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.;
29, Sur Santa Barbara, Valletta.
ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, D.Lit.,
53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paula.

---

Ħlas 4s. fis-sena. Ktieb wieħed 1s.
Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:
Victor Apap, 22, Triq it-Torri,
Tas-Sliema.

IL-MALTI

QARI LI TOHROG IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI — GUNJU 1962

# HARSA LURA U OHRA 'L QUDDIEM.

*MA' dwar erbgħin sena ilu xi studjużi tal-Malti li kienu jħarsu 'l quddiem, għarfu li qabel ma jkun hemm sistema xjentifiku ta' alfabet u grammatka Maltin, l-ilsien tagħna ma jkunx jista' joħloq letteratura xierqa u ta' livell għoli. Għalhekk dawk in-nies għaqlin, wara ħafna ħsieb u studju, ħarġu b'sistema ta' kitba magħruf bħala alfabet jew aħjar, ortografija tal-"Għaqda", isem imnissel mill-"Għaqda" tagħna li kienet twaqqfet dak iż-żmien. Dak is-sistema mill-ewwel kien aċċettat mill-għorrief Maltin u barranin b'inkejja l-bosta tfixkil u twegħir li qajmu x'uħud li minħabba l-injuranza jew minħabba l-egoiżmu kien jaqblilhom li l-ilsien tagħna jibqa' lura.*

*Imma ħaġa ta' fejda fl-aħħar mill-aħħar tiġi f'tagħha u l-poplu bil-qajla l-qajla ntebah bis-siwi tas-sistema ġdid u raġunat fil-kitba Maltija u wera r-rieda tiegħu li l-Malti għandu jieħu postu fil-ħakma ta' Malta u jinkiteb skond is-sengħa. Fuq hekk l-użu tal-Malti daħal fil-Qrati, fl-amministrazzjoni u fit-tagħlim għoli. Dan l-użu daħal taħt it-treġija tas-sistema tal-"Għaqda" għax il-Gvern innifsu dak iż-żmien kien jinsisti li fl-eżamijiet u f'okkażjonijiet ta' kitba uffiċjali, il-Malti għandu jinkiteb bl-ortografija tal-"Għaqda".*

*Tqanqila oħra parallela mat-tixtil ta' l-ilsien Malti kienet dik kostituzzjonali: dawn kienu żewġ movimenti li twieldu, ixxettlu, kibru u mxew flimkien u taw għajnuna lil xulxin, billi b'mezz ta' "Il-Malti" l-poplu beda jaqra u jifhem li kellu jinteressa ruħu u jieħu sehem fil-ħakma tal-pajjiż.*

*Bħala riżultat ta' din ix-xejra qawwija fis-sentiment nazzjonali, il-għadd ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti kiber u laħaq livell tassew għoli tant li ħafna mill-kitba Maltija l-lum tista' tkun ipparagunata ma' klassiċi barranin. Barra minn Malta wkoll kien ammirat dan l-iżvilupp letterarju tant li l-letteratura tagħna ssemmiet minn xi kittieba u minn xi Universitajiet barranin li saħansitra ippublikaw antoloġiji ta' kitba bil-Malti.*

*Iżda dan ma jfissirx li l-kittieba Maltin ġew f'tagħhom u ħadu dak li ħaqqhom, l-aktar bħala kumpens finanzjarju. Il-"Għaqda" ħabirket kemm felħet u bis-saħħa tagħha qiegħed ikun rikonoxxut aħjar ix-xogħol letterarju l-aktar wara li sar ftehim bejn il-"Għaqda" u r-Rediffusion fuq tariffa ġdida għall-ħlas tax-xandir ta' xogħlijiet letterarji. Imma għad baqa' ħafna biex l-awturi Maltin jibdew jirċievu dak li ħaqqhom għax-xogħol ta' ħsieb u sabar kbir tagħhom; għalhekk wieħed jittama li kemm l-awturi, kif ukoll il-qarrejja u fuq kollox dawk li għandhom sens patrijottiku, iqumu għalenija mill-bruda tagħhom u jitolbu u jeżiġu li x-xogħlijiet ta' siwi letterarju għandhom jaqilgħu kumpens xieraq lil min jiktibhom.*

*B'danakollu ma rridux ngħidu li l-kumpens letterarju biss qiegħed ifixkel il-Malti bħalissa. Il-lum għad fadal egħdewwa ta' lsienna; dawn ma għadhomx bħal dari jinqdew bl-arma tażżebliħ u ta' l-insulti, iżda qegħdin jinqdew bl-arma ta' l-indifferenza, għodda li tmewwet. Jekk nies bħal dawn qatt ikunu f'qagħda ta' setgħa, jistgħu jagħmlu dannu bla tarf lill ilsien tagħna. Għalhekk jeħtieġ li ssir kampanja favur il-Malti: insemmgħuh, nitkellmu bih speċjalment f'ċerti ambjenti u naqraw kotba Maltin. L-istess kif bħala Nsara aħna suldati ta' Kristu hekk ukoll bħala Maltin għandna nkunu suldati ta' l-ilsien Malti.*

---

## KONTRIBUZZJONIJIET LETTERARJI F' "IL-MALTI"

**Hija dejjem xewqa tagħna li nippubblikaw f'IL-MALTI kull xorta ta' kitba, sew proża jew versi, li jkollhom xi valur letterarju—l-iktar ta' żgħażagħ bħala inkoraġġiment—iżda l-ewwelnett jixraq li nagħtu l-wisa' lil dawk li huma membri jew għallinqas imseħbin f'IL-MALTI.**

**Jixraq, għalhekk, li kull min soltu jikkontribwixxi b'kitba f'IL-MALTI, u jixtieq li l-kitba tiegħu tidher ma' dawk li huma wkoll membri jew imseħbin f'IL-MALTI, jagħmel sehem ukoll bħala sieħeb f'IL-MALTI, u b'hekk, barra milli jkun jikkontribwixxi moralment fil-pubblikazzjonijiet f'din ir-rivista, ikun qiegħed igħin finanzjarjament lill-"Għaqda" għall-istampa ta' IL-MALTI, il-lum li l-istampa tar-rivista qiegħda tiswielna wisq iktar mis-soltu.**

# LIL DUN MIKIEL XERRI

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Qalbieni fost il-kbar, xemx ta' dil-Gżira,
setgħan fil-ħsieb, fil-qalb, int biss ridt tkun
biex toħlom il-ħelsien ta' Malta lsira
u tfarrak il-qawwiet ta' Napuljun.

Għaġġibt l-egħdewwa b'dik l-imħabba kbira
li kellek lejn din l-Art. Int, b'qalb ta' ljun,
ħeġġiġt l-oħrajn, u l-art ħammret f'għadira
b'demmkom qalbieni, demm bin-nar magħġun.

Il-lum, fejn int iddejt bil-glorja tiegħek,
flok monument tad-deheb, kif jixraq lilek,
tara 'l Maltin fil-Karnival titmiegħek

bla ġieh, bla qalb, fuq l-art li ħsilt bid-demm.
Malta li ftaħret bik insiet għemilek...
imm'Ismek ma jmut qatt, qatt ma jintemm!

# IL-POEZIJA U AHNA

*Ta'* KARMENU VASSALLO

IL-BNIEDEM ma jgħixx bil-ħobż biss. Qalu u stqarru Ġesù nnifsu dan. U aħna nemmnuh, għax hekk hu tassew. X'jieħdu dawk li, b'sogru kbir ta' ħajjithom u b'ħafna tfixkil u tiġrib ta' tbatija, jixxabbtulek ma' l-ogħla muntanji ħalli jwaħħlu fuq il-qċaċet tagħhom il-bandiera ta' pajjiżhom u jorbtu magħha isimhom? X'jieħdu dawk li jaqsmu bil-għawm l-'English Channel' jew l-oħrajn li jqattgħulek jiem sħaħ, lejl u nhar, fl-ilma ħelu jew fl-ilma mielaħ biex fl-aħħar, mifnijin u mherrijin bil-għaja u b'ruħhom għoddha fi snienhom, jittellgħu għaxja minn ġo fih qishom biċċa karta bajda mkemmxa, imxarrba u maħlula bl-ilma? X'jieħdu dawk li jagħsru saħħithom jiġru fi tlielaq twal, jew jaqbżu qbiż għoli li bih jistgħu jweġġgħu jew ikorru bl-ikrah? X'jieħu min jaqsam il-wesgħat inġazzati bis-silġ ta' l-'Antartika' u jipprova jew saħansitra jirnexxilu jilħaq is-'South Pole'? Wisq drabi, jekk mhux dejjem, dawn il-ħwejjeġ isiru għall-gost, għax wieħed ikollu dik in-namra jew dik il-ġibda. Il-fama u l-glorja għandhom imnejn ikollhom sehem ukoll f'hekk. U, ngħiduha, ta' min ifaħħarha l-ħila u ta' min iqimha l-qlubija ta' nies bħal dawn. Oħrajn, bħal ma huma, ngħidu aħna, il-'boxers' u l-'footballers', jistgħu jinqasmu fi tnejn : xi wħud minnhom jaqdu dan ix-xogħol u, barra milli jagħmlu isem, iħasslu ħobżhom u l-għajxien tagħhom minnu ; waqt li xi wħud oħra jagħmlu dan b'kapriċċ jew bħala mogħdija taż-żmien biss. L-istess jista', bejn wieħed u ieħor, jingħad għall-kittieba u għall-poeti. Imma waqt li l-biċċa l-kbira tal-kittieba u ta' xi poeti barranin, l-aktar meta jkunu kittieba jew poeti magħrufin, issibhom jaqilgħu ħobżhom (biex ma ngħidux li xi wħud minnhom jistagħnew ukoll) mill-kotba li joħorġu għall-qari, il-kittieba u l-poeti Maltin qatt ma seħħilhom (u aktarx ukoll qatt ma fittxew jew ħolmu) iħasslu l-għajxien tagħhom mill-kitba u mill-kotba.

Jekk kittieb Malti, prożatur jew poeta, ma jkunx għani biżżejjed minn daru jew ma jkollux xi impjieg jew xogħol ieħor li minnu jkun jista' jgħix, barra milli jitħatteb bil-kitba, jogħtob u jmut bil-ġuħ. Il-poeta Malti, xi drabi aktarx xortih ħażina mittwelid u maħqur u msawwat minn għajru, mhux talli wisq drabi ma jsibx min jidħol u jħenn għalih jekk jaħsel ikun jeħtieġ xi għajnuna jew xi ħniena, imma talli jekk u meta jħabbat xi bieb aktarx ifarrak wiċċu miegħu. B'danakollu, tidher donnha regula

tal-ħajja li aktar ma poeta jiltaqa' ma' xkiel u ħqir u swat, aktar tissaffa u tissaħħaħ il-għanja tiegħu.

Il-għana tal-poeta mhux l-għana li nisimgħu jitqabbel u jiżżarrat mad-daqq, aktarx dejjem lanja waħda, tal-kitarra. Il-poeżija mhix taqbil jew nisġa fuq fuq ta' versi jiġru u jirrimaw bħal, ngħidu aħna, "Ah, lilek tal-gallarija!" jew "X'dawl ta' qamar tala' l-lejla!—Xaqqufa ħsibtha xelin". Poeta aktarx ma jimprovviżax, jiġifieri ma jaqbadx u jdommlok għanja wara ftit tal-ħsieb jew bla ħsieb xejn, kif jagħmlu xi qabbiela. Poeżija suret in-nies, jew aħjar poeżija tajba, trid ħafna ħsieb u tul ta' żmien ġmielu biex issir. Poeti tajbin li jiktbulek poeżija ta' ftit versi fi żmien relativament qasir issib; imma ħafna drabi tgħidx kemm ikunu ilhom imaħ'ħu fuqha u jagħġnuha u jsajruha f'qalbhom qabel ma jniżżluha b'lapes jew bil-linka fuq karta! Giacomo Leopardi, wieħed mill-aqwa u mill-isħeħ poeti liriċi Taljani, ħalla miktub li kull poeżija li ħarġet mill-pinna tiegħu swietlu ħafna għaraq u tbatija. Giosuè Carducci jaqbel miegħu. Imma lil dan l-aktar li kienu jħabbtuh il-versi qosra.

Issa jekk qabbiel mhux ta' min ikasbru, x'ingħidu mela għall-poeta? Il-fatt li, kif intqal sa mill-qedem, 'il-poeta jitwieled hekk' *(Poeta nascitur, orator fit)* diġà jmissu jkun biżżejjed għalina biex nifhmu u nemmnu li dan il-bniedem jingħażel mill-bqija u jintrafa' 'l fuq mill-kotra. U tabilħaqq il-ħafna definizzjonijiet li jingħataw tal-kelma 'poeta' jew tal-kelma 'poeżija' kollha juruna u jġagħluna nifhmu kemm hu minnu dan. Skond il-*Cassell's New English Dictionary*, "poeta huwa wieħed li għandu immaġinazzjoni qawwija u ħakma kbira fuq dik li hi espressjoni ritmika". Definizzjoni oħra mogħtija minn dan id-Dizzjunarju tinġabar sewwa sew fil-kliem: "*one possessed of high imaginative or creative power*". *The Modern Encyclopaedia for Children* tgħallem li "il-poeżija hi nisġa ta' ħsibijiet imfissra bi kliem li għandu l-ħila jqanqal fil-qarrej sentimenti li jġagħluh iħoss dak li jkun ħass il-poeta". It-tifsira li jagħti l-*Concise Oxford Dictionary* dwar il-poeżija hi: "espressjoni għolja ta' ħsieb għoli jew tqanqil kbir ta' qalb f'sura metrika". Iċ-*Chambers's Twentieth Century Dictionary* igħid li l-poeżija "hi s-sengħa ta' min bi kliem melodjuż jaf ifisser ħsibijiet li huma l-ħolqien ta' tqanqil il-qalb u ta' moħħ mixgħul". *Il Novissimo Melzi*, Dizzjunarju Taljan, igħidilna li " il-poeżija hija waħda mill-forom għolja u nobbli tal-letteratura, li tfisser id-dehriet ilellxu fil-ħsieb u s-sentimenti li bihom tbaqbaq il-qalb, li għand-

ha bħala karatteristika tagħha dik il-mużikalità jew armonija msawra bi kliem minsuġ kif jitolbu l-liġijiet tal-Metrika jew tar-Ritmika.'' L-istess Dizzjunarju jiddefinixxi l-poeta bħala ''wieħed mogħni b'fantasija mkebbsa jew wieħed li jsib għaxqa fil-ġmiel u fil-ġid ideali''. Fil-*Vocabolario della Lingua Italiana* ta' Nicola Zingarelli nsibu li ''poeta hu dak li jħobb is-sabiħ u jitgħaxxaq b'ideali għoljin''. U fi *Nuovo Dizionario della Lingua Italiana* ta' Francesco Cerruti naraw li ''poeta hu wieħed li, bis-saħħa ta' ġibda jew xejra speċjali u naturali, kif ukoll b'riħet is-setgħa ta' fantasija ħajja, megħjun mill-arti, ifisser f'versi l-ħsibijiet u l-ġibdiet tiegħu ta' mħabba''.

Francis Turner Palgrave, fl-antoloġija tiegħu *The Golden* Treasury, stqarr li ''il-Poeżija trodd teżori egħżeż mid-deheb''— ''*Poetry gives treasures 'more golden than gold'* ''. J. Murray MacBain, f'*The Book of a Thousand Poems*, igħid li ''poeżija, bħal biċċa mużika sabiħa, hija wisq drabi tifkira bil-kitba ta' xi tiġrib li jqanqal — tiġrib li l-poeta jġedded bi ħsiebu meta jsib ruħu fis-sliem''. Fil-ktieb tiegħu, *The Masters of English Literature*, Stephen Gwynn igħarrafna li ''fl-istorja tal-biċċa l-kbira tal-letteraturi, il-poeżija laħqet l-aqwa tagħha b'ħeffa akbar mill-proża''. Robert Lynd, f'daħla *On Poetry and the Modern Man* għal *An Anthology of Modern Verse*, igħid li ''il-Poeżija tibda bħala vjaġġ bla ħsieb qalb l-ibħra koħol tal-fantasija, għalkemm għandha mnejn tispiċċa biex terġa' lura b'vapur mgħobbi teżori ta' l-immaġinazzjoni fil-qaliet tad-dar''. U xi mkien ieħor fl-istess Daħla l-istess kittieb iħaqqaq li ''Fejn ma hemmx immaġinazzjoni, hemm il-kefrija, l-egoiżmu u l-mewt''. Għall-poeta mistiku Ingliż, William Blake, awtur fost kotba oħra ta' *Songs of Innocence*, l-immaġinazzjoni kienet qisha isem ieħor flok dak ta' Ruħ il-Qodos. Fl-Introduzzjoni għal *The English Parnassus* il-Professur W. Macneile Dixon u l-Professur H.J.C. Grierson isostnu li ''il-Poeżija hija estasi'', u li ''is-suċċess ta' poeżija jitqies mill-grad li bih iġorrna lil hinn mid-dinja li ġarrabna u nafu biha aħna f'dinja oħra maħluqa mill-poeta nnifsu''. Fl-aħħarnett, biex ma ntawlux iżjed fuq hekk, waqt li Milton igħid li l-poeżija ''għandha tkun sempliċi, tmiss u tolqot is-sensi, u ħierġa taħraq mill-qalb'', u Shelley jisħaq li ''il-poeti huma l-leġislaturi tad-dinja għad li n-nies ma tagħrafhomx b'hekk'' (''*Poets are the unacknowledged legislators of the world*''), il-poeta magħruf Taljan Giosuè Carducci, li fl-1906 rebaħ il-Premju Nobel għal-Letteratura, stqarr li l-għan tal-

poeta hu dak biss li jsawwab fil-versi tiegħu l-ħsibijiet għolja ta' moħħu u t-tqanqil qawwi ta' qalbu, u ma jistenna xejn aktar :

Per sé il pover manuale
fa uno strale
d'oro, e il lancia contro il sole.
Guarda come in alto ascenda
e risplenda,
guarda e gode, e più non vuole.

Il-Poeta Nazzjonali tagħna, Dun Karm, fil-poeżija kbira tiegħu '*Non Omnis Moriar*' u fil-poeżija *Dell u Dija,* jistqarr li l-poeta ma jgħannix minn jeddu, imma jgħanni biss meta jkun ispirat.

Mhux minn jeddu l-Poeta
jgħanni. Hemm xrara li xi drabi tikbes,
u meta tikbes tixgħel,
u meta tixgħel taħkem
u tħaddan lill-Poeta u donnha tbusu
u tgħidlu kliem li ħadd għajru ma jifhem,

igħidilna l-Imgħallem tal-Poeti Maltin f'din ta' l-aħħar; waqt li f'ta' l-ewwel, waħda mill-aqwa u mill-isbaħ xogħlijiet tiegħu, isaħħaħ u jsebbaħ u jqaddes l-istess ħsieb :

Kif iddoqq arpa meta swaba' mħarrġa
jiġru bis-sengħa fuq il-ħjut annuna,
hekk il-poeta jgħanni
meta tmissu l-id t'Alla :
Ħabbâr tas-Sewwa, mera tas-Sbuħija,
kelmtu mis-Sema...

Waqt li ħafna u ħafna Maltin u la fehmu u lanqas ma jridu jafu bil-missjoni għolja u nobbli li tista' u taf taqdi l-Poeżija fis-soċjetà, xi kittieba nfushom, l-aktar iż-żgħażagħ, ma nafx għaliex, jaħsbu li telqu jiġru, waqt li, jisgħobbija ngħid, għadhom lanqas biss tgħallmu jimxu fil-qasam tal-Poeżija. B'qari ta' kotba ma jridux jafu, u b'taħbil ir-ras xi ħaġa inqas! Donnhom ma jistgħux jew ma jridux jifhmu u jdaħħluha f'moħħom

li *l-poeżija vera u tajba hi aktarx dejjem bint l-uġigħ,* kif, barra minn oħrajn, igħid f'waħda mill-poeżiji tiegħu Anton Buttigieg. Għal dawk il-ħbieb li ħadu grazzja mal-Poeżija u jixtiequ għada pitgħada jkunu wliedha fis-sewwa għandi dan il-parir: "Aqraw, aqraw, aqraw kemm tifilħu. Mhux taqraw biss għandkom, imma tixtarru tajjeb u bil-għaqal kull ma taqraw. Għarblu sewwa t-tifsila tal-versi, il-ħsieb jew ħsibijiet, kull kelma fir-rabta li jkollha ma' kliem ieħor, u l-mixi meqjus mad-daqq ta' din jew dik il-poeżija. Jekk, flimkien mal-Malti, tafu u tifhmu ilsna oħra barranin, aqraw kemm poeżiji tistgħu f'dawk l-ilsna. Meta tiktbu xi poeżija, fittxu li jkollkom xi ħaġa ġdida xi tgħidu; u qisu u żommu f'raskom li inqas ma tinqdew bi kliem biex tfissru ċar dak li jkollkom tgħidu, wisq aħjar. Jekk ma tridux tafu birreguli tal-Prosodija, affarikom. Biss emmnu li ħadd ma tar bla ġwienaħ—jekk mhux fuq xi ajruplan jew fi 'spaceship'—u li ħadd ma twieled igħallem'l ommu meta kien għadu tarbija talħalib. Ftakru wkoll li naqraw kemm naqraw u nitgħallmu kemm nitgħallmu, qatt ma nkunu nafu kollox jew biżżejjed. Imma mbagħad la taqtgħux qalbkom. Biex wieħed jissokta, jeħtieġlu qabel xejn jagħti bidu. U, kif idoqq u jgħallem wisq tajjeb ilqawl Malti: "Kull mibdi mitmum!"

## TWISSIJA LILL-IMSEĦBIN

**Infakkru lill-imseħbin biex jibagħtu mill-aktar fiss il-ħlas tagħhom ta' l-abbonament fi "Il-Malti" jekk jixtiequ li r-rivista tagħna tibqa' taslilhom bħas-soltu.**

**Dawk l-imseħbin li sa ma jasal biex joħroġ il-għadd ta' Settembru jkunu għadhom lura fil-ħlas tad-dritt tagħhom ikollna, wisq kontra qalbna, inwaqqfulhom l-impustar ta' "Il-Malti".**

# SERĦIEN

*Ta'* Joe Busuttil

Ma hawnx serħien!
Fittixt; għalxejn!
Ħlief qtigħ il-qalb ma sibtx!
Ħarist 'il fuq, lejn l-art,
Ma lmaħtx ħlief għeja, dlam!

Jien bkejt; għalxejn!
Għalxejn tnehidt!
Kien kiesaħ fuq ħaddejja d-dmugħ;
Tkiddejt, intfejt, x'ħin tnin u tmut
Smajt karbti, bħal twerżiq miġnun!

Sfajt waħdi, miblugħ!
Sfajt waħdi, jien biss!
Għalija m'hemmx serħien!
Għalija ebda kenn!
Għalija biss thewdin!

U talbi għajjien,
Bla tama, tkasbir!
Iżd'hekk kif tmut it-tama u jien,
Ma' l-aħħar dieqa toħroġ ruħi
Minn ġismi mejjet. F'ismi tgħid:

Fid-dlam ħallieni, iżda nsieni qatt!
It-tajfa tħares ħiemda b'qalb tal-blat...

# "LEJLA DAWL TA' QAMAR"

*Ta'* ANTON AGIUS MUSCAT

ID-DWAL tat-triqat kienu jidhru jnemnmu 'l hawn u 'l hinn mal-gżira kollha.

Biswit kien hemm id-dwal tar-Rabat. Għall-għajn li rat sewwa dik il-quċċata matul il-jum, setgħet tintebaħ liema mid-dwal kienu jaqtgħu fid-dalma t-trufijiet u l-meddiet tas-swar tal-Kastell il-Qadim. Taħtu kien hemm roqgħa mdawla iżjed mill-bqija: it-Tokk; u lejn il-lemin il-bozoz wasslu san-naħa ta' Misraħ San Franġisk u lejn ix-xellug sriebet ta' dwal ġibdu lejn Kerċem, Għarb u Munxar.

Tixħet il-ħarsa 'l hinn mir-Rabat tilmaħ bħal imsiebaħ ta' dwal inemnmu fuq il-għoljiet taż-Żebbuġ, ix-Xagħra u n-Nadur.

Is-sriebet ta' dwal matul it-triqat juruk 'il fejn jiġbdu din jew dik it-triq, u fejn jinġemgħu d-dwejriet ta' l-irħula.

Tifrex il-ħarsa n-naħa tal-lemin, mit-tieqa tal-kamra stajt tara l-ġemgħa msiebaħ ta' bozoz ta' l-elettriku, f'għamla ta' rota ta' karettun, li juruk ir-raħal imdaqqas tax-Xewkija.

Mill-ħoġor tat-tieqa għajnejk jilmħu mill-qrib żewġ sriebet ta' dwal, f'għamla ta' salib: wieħed jieħu mir-raħal għar-Rabat u d-dwal hawn jispiċċaw mill-bidu tal-wita raba' ġmielha magħrufa bi Gnien is-Sultan; u s-serbut l-ieħor jieħu, wieħed lejn Ta' Ċenċ u l-ieħor lejn il-Munxar.

Barra dawn l-imsiebaħ ta' dawl elettriku li firdu s-swedija ta' l-art, wiċċ il-qamar mela l-qiegħa ta' l-art b'dawlu, wara li dam jaħsibha xi ftit jitlax minn wara l-għolja tal-Qala.

Mit-tarf lemini tat-triq kienet tinstama' ġejja xi ftit tal-għagħa; ċorma tfal, qabda żgħażagħ, l-iżjed xbejbiet, u ġemgħa ta' rġiel u nisa, bosta minnhom imdaħħlin fiż-żmien, kienu qegħdin jistennew biex jaraw wirja ta' films mogħtijin fil-beraħ minn xi nies tal-Gvern.

Fil-ħin instama' leħen jidwi min-naħa ta' fejn kien ġej dak il-għagħa jwissi lil kulħadd li l-Gvern kellu l-għoġba li jibgħat in-nies tiegħu f'dak ir-raħal sabiex isir wirja ta' films ta' tagħlim għal kulħadd, u barra turija ta' film dwar l-indafa fid-dar, kellhom jintwerew oħrajn dwar ħtiġijiet fit-trobbija xjentifika ta' xi bhejjem, dwar kif igħadduha t-tfal fi skola f'art imbiegħda, u dwar il-ġmiel u l-ġid li jinsabu f'artijiet kbar u mbiegħda. Kull wieħed, l-iżjed it-tfal, mid-deher kien ħerqan li jibdew il-films għax il-għagħa ma raqditx qabel ma l-liżar ħa

l-ħajja bix-xbiħat u l-misraħ beda jidwi bid-daqq u l-ilħna tal-film.

Għajr il-ħsejjes tal-film għaddej, xejn ma nstama' jikser il-ħemda.

B'danakollu fit-triq kien hemm roqgħa żgħira ta' nies miġbura qaqoċċa, jitħaddtu. Wieħed minnhom deher bħallikieku il-wieħed li l-aktar jaf xi jgħid fosthom għax il-bqija kienu aktar jisimgħuh milli jgħidu tagħhom. Leħnu beda jasal 'il fuq u trid jew ma tridx, tisimgħu f'dak li kellu xi jgħid lill-miġemgħa ta' madwaru. Jekk għall-ewwel ma tixtieqx tissamma' kliemu, iżda billi nstama' jgħid xi ġrajja, ħarstek tmil lejh u widnejk jaqbdu kliemu.

"Mela! Ara x'jien ngħidilkom: il-lum mhux dari, u lir-Russja ma jagħmlux li jridu biha".

"U kif għidtilkom: wara l-Kżar kien hemm Stalin; miet Stalin, issa għandhom lil Kruschev, u jekk jonqos dan, ikun hemm ieħor minfloku".

"Araw ftit!"

U wara li qam minn bilqiegħda u reġa' qagħad fuq is-siġġu, u waqt li sewwa ħwejġu mit-tikmix, lesta ruħu biex bħallikieku sa jibda ġrajja ta' min jisimagħha. L-erbat iħbieb ta' madwaru, min fuq il-għatba, min fuq banketta u min fuq siġġu, ma lissnux kelma u bis-sabar kollu stennewh jibda.

"Mela żmien ilu, ħabta ta' sittin sena ilu, ir-Russu ma kienx li hu l-lum u jekk kien irid xi ħaġa, ried jitlobha".

"Darba mar għand it-Tork u qallu: 'Pjaċir irrid minn għandek'."

" 'Għidli', wieġbu t-Tork".

" 'Irridek tħallini ngħaddi mill-Bosfru', talab ir-Russu"

" 'Ma jistax ikun', wieġbu xott it-Tork".

"Il-Bosfru, għandkom tkunu tafu, hu medda baħar dejjaq, wiesgħa daqs bejn Għawdex u Malta, iżda twil sewwa, mili u mili. It-Tork dejjem żamm idu iebsa fuq il-Bosfru u dejjem kien għajjur għalih u ma ried lil ħadd jindaħallu jew jisraqlu xi ftit mill-jedd li għandu fuqu. U ħa ngħidilkom: it-Tork mela l-Bosfru fortizzi u min jiftillu jarra rasu u jibqa' dieħel, jaqla' xebgħa nar liema bħalha".

"Araw kif fl-Ewwel Gwerra Kbira l-Ingliż jaħbat għall-Bosfru u kien niżżel is-suldati tiegħu f'Gallipoli biex jaħbat għall-qalba, ħa ngħidu hekk, tat-Tork, iżda ma għamel xejn".

"U ġara li t-Tork ma ħalliex lir-Russu jgħaddi, għax dak iż-żmien it-Tork kien iħossu qawwi. Iżda l-lum ir-Russu, jekk jiftillu jrid jgħaddi xi erba' biċċiet tal-gwerra mill-Bosfru, kemm igħid lit-Tork x'fiħsiebu jagħmel, u t-Tork iħallih bla tkewtil xejn".

Kif temm kliemu, għadda ħafif ħafif il-maktur fuq ġbinu wasa' u fuq xofftejh, u wara li lesta, reġa' qiegħdu fuq spalltu il-lemenija mibruma li ma ngħidlekx. Qam minn fuq is-siġġu u raġa':

"U kif għidtilkom: wara l-Kżar tala' Stalin u wara Stalin laħaq Kruschev u wara dan jilħaq ieħor".

Waqaf.

Ċaqlaq is-siġġu minn fejn kien u qiegħdu qagħda oħra: messu ħa jara jitbandalx u raġa' qagħad bilqiegħda fuqu.

"Għax", raġa' beda, "tridu tkunu tafu l-ġrajja kollha biex tifhmu sewwa l-biċċa kif ġrat".

"Mela, il-Kżar kien isaltan fuq ir-Russja kollha meta faqqgħet il-Gwera l-Kbira, Ma noqgħodx ngħidilkom x'ġara fiha dik il-gwerra, għalkemm, hemm xi tgħid dwarha u kemm tqabdu fiha".

"Ġara li fir-Russja qamu għall-Kżar u bdiet gwerra bejn Russu u ieħor, bejn il-Bojod u l-Homor, bejn dawk tar-reliġjon u dawk ta' bla reliġjon, ħa tifhmuni. Il-Kżar qatluh; il-kbarat tħarbtu, ġera d-demm, u l-Homor ġew minn fuq, ħadu l-Gvern f'idejhom u tala' Stalin. U Stalin, wara żmien, kellu jħabbat wiċċu mal-gwerra li għaddiet. Meta dan miet, tala' Kruschev, dak li għandna l-lum".

Kif temm kliemu, minn fejn kienet qiegħda ssir il-wirja ta' films, instama' f'daqqa waħda ċapċip, għagħa ta' kliem, daħk u għajat ta' tfal. Kien intemm l-ewwel rukkell films.

Il-pulizija waħdieni tar-raħal kien wieqaf f'nofs it-triq għarroqgħa dawl tal-bozza mwaħħla fil-faħal kbir, imdawwar bi ħġieġ ikħal, imdendel fuq ras il-bieb tal-Għassa tar-raħal.

Kif instama' l-għajat, ta daqqa ta' għajn 'l isfel, għax ittriq tmil ftit għan-niżla, u tħajjar imur jagħti titwila.

Ma damx miexi qajla wisq billi raġa' waqa' s-skiet hekk kif beda jdur it-tieni rukkell ta' films. Dlonk dar lura lejn il-bieb tal-Għassa għax il-qanpiena ta' l-elettriku tat-telefon, imwaħħla ħdejn ras il-bieb ta' barra, qabdet iċċempel kemm tiflaħ, u biċ-ċenċil tagħha bħallikieku riedet tqajjem l-erwieħ minn qabarhom.

Il-pulizija ħeffef il-pass u kif qorob lejn il-Għassa, lissen minn taħt l-Isien: "Dan x'sata' nqala'."

Kif daħal u qabad it-telefon f'idu u refgħu, dik il-qanpiena waqfet mill-ħsejjes li kienet qiegħda tagħmel.

Fit-triq raġa' waqa' s-sliem.

U hekk dik ir-roqgħa ħbieb setgħu jisimgħu mill-ġdid 'il ħabibhom jissokta ġrajjietu.

"U kif għidtilkom: wara l-Kżar tela' Stalin, wara Stalin ġie Kruschev, u wara Kruschev għad jiġi ieħor".

Waqaf: għadda l-maktur fuq ġbinu u raġa' serrħu fuq spalltu. Qam bilwieqfa mill-ġdid u raġa' beda:

"Wara dik it-taqliba kollha fir-Russja, wara li neħħew il-Kżar u ħa l-ħakma f'idu Stalin, id-dinja kif iddur ġarrbet taħwida".

"Wara l-Ewwel Gwerra Kbira, waqa' għaks fuq id-dinja jwaħħxek".

"F'Malta naqas ix-xogħol u bosta nies siefret u telqet għal għonq it-triq. X'ġara? L-Amerka wkoll kien hemm nuqqas ta' ħobż, u kien hemm min mar u sab ruħu b'idejh waħda wara u l-oħra quddiem. Tiftakruhom lil Peppi u lil Kikku? Kellhom jibagħtulhom il-flus minn hawn sabiex jerġgħu lura għax innaqra li ħadu magħhom, kiluha u waqgħu qiegħda. Batiet ingħid in-nies dawk is-snin!"

"Mela fl-Amerka nqala' Roosevelt li bi kliemu ħeġġeġ l-Amerka kollha u laħaq President. Kien jaf jitħaddet, moħħu jilħaqlu u ried iġib l-Amerka 'l quddiem".

"Qalilhom: 'Jeħtieġ inqumu qawma fuq tagħna u ninġabru minn din it-taħbila li ninsabu fiha'."

"Hu ma qagħadx ilaqlaqhielhom, meta qallhom: 'Artna kulħadd jista' jgħix fiha: għandu l-jedd li jgħix mingħajr xkiel, kemm l-Iswed u kemm l-Abjad'."

"Tridu tkunu tafu li s-Suwed fl-Amerka ma kinux miġjubin minn xi Bojod, l-aktar dawk il-Bojod li jgħixu n-naħa ta' isfel ta' l-Amerka".

"Dawn is-Suwed erħilhom iħaddmuhom matulek ja jum, fir-raba', fid-djar, fil-fabbriki—u qligħ ftit. Kulħadd fuq ix-xogħol: kemm irġiel u kemm nisa u tfal. Il-għera u l-mard fuq kulħadd: ma hemmx għażla bejn nisa, tfal u rġiel..."

Hawn baxxa leħnu, iltewa 'l quddiem biex dak li għandu jgħid, jingħad biss lill-miġemgħa, u l-barranin ma jaqbdux kliemu.

Biex tagħqad, dak il-ħin inqalgħet karrozza u waqt li qasmet ir-raħal għaddiet mit-triq u bit-tkarwit tar-roti u ċ-ċekċik tal-makna, imliet it-triq bil-ħsejjes.

U hekk ġara li min xtaq jisma' x'ingħad b'leħen baxx, jekk ma kienx wieħed minn tax-xirka, baqa' b'xiber imnieħer.

Kif reġgħet waqgħet il-ħemda, leħnu ssokta l-ġrajja.

"Mela Roosevelt għaraf jieħu r-riedni tal-Gvern f'idu u meta kien jitkellem in-nies kienet tinġabar b'folol kbar biex tisimgħu. U ħa ngħidilkom: kien ikollu misraħ kbir daqs minn hawn sar-Rabat, kollu kemm hu maħnuq bin-nies".

U kif qal hekk firex idu madwaru biex bħallikieku jfiehem b'tixjira t'idu l-medda ta' art li kien fih il-misraħ li semmielhom lil ħbiebu.

"Aħna mill-Awstralja konna naqraw u konna nkunu nafu x'inhu jsir u xi jgħid lin-nies fl-Amerka. Araw: tgħiduli xejn; hawn ma tawkomx gazzetti f'idejkom biex tkunu tafu x'inhu jgħaddi mad-dinja madwarkom!"

U kif temm dal-kliem, qam bilwieqfa minn fuq is-siġġu, b'sebgħu l-werrej mitfugħ lejn il-qawra, b'leħen ħerqan u aktarx mgħaddab, tenna:

"Tgħiduli xejn: trid taqra biex tkun taf x'inhu jiġri madwarek: inklele mejjet int u moħħok ma jġibx ħlief x'inhu jagħmel għajrek f'raħlek".

Waqaf.

Ħafen il-maktur minn fuq spalltu: għaddieh fuq xofftejh u ġbinu, serrħu mill-ġdid fuq spalltu l-lemenija, u raġa' qagħad bilqiegħda.

Ħbiebu ma lissnux kelma waqt li ħarsu lejh: la qablu miegħu, lanqas merewh, u bis-sabar stennewh jissokta.

"Kif għidtilkom: wara l-Kżar kellhom lil Stalin u wara Stalin ġie Kruschev u jiġi biex jonqos dan, jitla' ieħor".

"U barra r-Russja, fl-Ewropa d-dinja ma qagħditx b'sabarha".

"Il-Ġermaniż kellu 'l Hitler; it-Taljan kellu lil Mussolini; u l-Ispanjol ra ma' wiċċu gwerra f'pajjiżu li ħallietu bla nifs: sa ma fl-aħħar rajna wara biebna l-Aħħar Gwerra Kbira li minnha Malta u Għawdex laqqtu biċċa sewwa".

"Ġrajja twila ta' x'għadda mill-Ewropa wara li laħaq Stalin fir-Russja".

"Il-Ġermaniż beda jarma baxx baxx u ħadd ma żammu".

"It-Taljan fl-aħħar għamel paċi mal-Papa għax Mussolini kiteb ftehim miegħu ta' ħbiberija, billi fiż-żmien, qabel ma qatlu 'l Kżar u tala' Stalin—ħa niftiehmu qabel il-Gwerra l-Kbira—kien inqala' t-tilwim bejn il-Papa u t-Taljan, għax it-Taljan ried jieħu taħt idejh l-artijiet tal-Papa".

"Mela! Kieku Mussolini ried li l-Italja timxi 'l quddiem, imma, ħej!, ma għarafx iżomm għajnejh miftuħa biex ma jilgħetx. Jien qrajt x'kitbu nies li jafu, u jgħidulek li kieku għaraf jimxi, sata' mexxa l-biċċa aktar b'għaqal, imma x-xitan għamieh u ried jikber f'daqqa u daħħal 'il pajjiżu fi gwerra li minnha ħareġ tellief.".

"Niġu għall-Ispanjol"

"L-Ispanjol ra pajjiżu mtertaq mill-ġlied ta' bejn dawk li qablu mal-Gvern u dawk li riedu lil Franco jilħaq fil-Gvern, u dan Franco rebaħ u sal-lum għadu fil-ħakma fi Spanja".

Bilkemm laħaq temm kliemu li min-naħa t'isfel tat-triq ma nstamax ħabta u sabta geġwiġija ta' ilħna jitkellmu għoli f'daqqa, xi tisfira, u wieħed isieħ lill-ieħor: il-wirja ta' films kienet waslet fi tmiemha għax leħen għoli minn fuq il-kaxxa tal-kliem dlonk instama' jwissi li l-wirja spiċċat u waqt li jittama kulħadd jithenna bil-wirja, xtaq il-lejl it-tajjeb lil kull min kien hemm.

Il-pulizija tar-raħal, wieqaf għad-dawl tal-fanal ikħal tal-Għassa, jisma' dwar ġrajjiet imgħoddija, meta ra n-nies titferrex lejn darha u sama' dak il-għagħa kollu, qal: "Għandna x-xogħol", u qabad miexi 'l isfel lejn fejn saret il-wirja ta' films, biex jagħti daqqa ta' għajn.

Dak il-għagħa ta' nies, l-aktar ta' tfal, huma u għaddejjin mit-triq, tefa għal kollox leħen ħabibna.

Dan ukoll waqaf, għax kemm hu u kemm min kien qiegħed jisimgħu, ma kellhomx moħħ ħaġ'oħra għajr li jaraw min hu għaddej lura lejn daru.

U billi kien daħal il-ħin, dik il-ġemgħa ħbieb bħallikieku dehrilha li għal dik il-lejla kienu semgħu u ntqal biżżejjed, għax kull wieħed sellem lill-ieħor u nġabar f'daru.

Hekk intemmet dik it-taħdita nhar dik il-lejla dawl ta' qamar.

Tabilħaqq ħasra li qatt ma ġiet ix-xoqqa f'moxtha biex wieħed igħidlu, lil dak li b'sabar qagħad ifiehem ruħu daqshekk tajjeb dwar ġrajjiet imgħoddija, li wieħed sama' kliemu bil-għaqal kollu u l-ġabra li tistħoqq lil min jaf xi jgħid.

## "WAHDI"

*Ta'* JOE MEJLAK

Waħdi,
m'għandi 'l ħadd ħdejja
quddiem għajnejja
biex lilu nsellem
u nkellem.
Hadd,
ħadd m'hu qed jagħti każi,
għalhekk inbaxxi rasi
għax nistħi.

Waħdi,
għal kollox waħdi:
għalhekk fuq blata poġġejt,
u bdejt
inħarbex dal-kliem
fil-ħemda w fis-sliem,
fis-skiet
u fil-kwiet
bla ħadd ħdejja.

'Ma kif kont nikteb,
bil-karta f'idi,
bla ħadd m'hu sidi,
stabart
għax ftakart
li x'imkien 'il bogħod minni
hemm Xi Hadd li jibża' għalija
u qed jaħseb fija!

# GHALIEX MULEJJA?

*Ta'* Ġużè' Cardona

Lill-Prof. Ġużè Galea
b'turija ta' l-akbar Qima.

Għaliex, għaliex Mulejja
Fid-dinja dat-taħwid?
Għaliex jaħasra, Sidi,
Bil-qerq iħallsu l-ġid
Li tagħmel Int mal-ħlejjaq,
Il-ħlejjaq li jkasbruk?

Għaliex il-qawwi jgħakkes
Id-dgħajjef u l-mikdud
U flok li jħarsu u jgħinu
Jifraħ jarah bħad-dud,
Ma' l-art jitkaxkar, mgħaffeġ,
Hekk li jixtieq imut!

Għaliex iż-żgħir jitkabbar
U jara 'l kulħadd xejn?
Ma jafx li l-kobor f'Alla
U Miegħu għandna dejn,
Li qatt ma naslu nħallsu
Bil-ħidma tagħna biss!

Għaliex jittanta jgħaddi
Bi twajjeb il-brikkun?
Ma jafx li quddiem Għerfek
Fil-Ħaqq mikxuf ikun
U jitlef kull ma ġabar
Fis-saltna tan-nirien!

Għaliex is-sliem u l-hena,
Iġarraf ġewwa d-djar,
Irġiel u nisa jifred...
Ma kienx għalih aħjar
Li mara ħielsa jagħżel
U jgħix kif Inti xtaqt?

Għaliex il-għaqda jeqred
Li tqaddes żwieġ nisrani,
Jirrofta wlied aktar
Biex jagħmel bħall-barrani
U bħalu, bla mistħija
**MINGHAJREK igħix għaż-żina.**

Għaliex il-mard, il-gwerer,
Għaliex dan it-tiġrib?
Min jista' d-dinja jifhem,
Tweġiba xierqa jsib?
U kollox jibda miexi
Kif INTI xtaqt u ridt!

"GHALIEX FIL-QALB TAL-BNIEDEM
UREJTU JIEN IT-TRIQ,
LI KELLHA TWASSLU GHANDI
TEHILSU MILL-ILFIQ...
HU RIED JIĠĠERRA WAHDU
INTILEF FIL-WIDIEN...

KEMM GHAD IRID JIĠĠERRA
KEMM GHAD IXERRED DMUGH
KEMM GHAD IRID JINFENA
SAKEMM TIRBAH IR-RUH
U FL-AHHAR ISIB TRIQTI
MINN RIMORS KBIR MISJUQ!

GHALIEX — issokta Alla —,
JIEN RIDT INKUN HANIN
IL-BNIEDEM HLAQTU HIELES
'MA DAN SWIELU HAŻIN
GHAX RIEDA BLA TRAŻŻIN
BHAL ĠAWHAR F'GHONQ XI DIB.

# GORĠ PISANI — POETA

*Ta'* A.Z.

META awtur magħruf jippublika xogħol ġdid, sew ta' proża kemm ta' poeżija, il-kritiku jħoss ruħu fid-dmir li jagħmel paragun bejn il-pubblikazzjonijiet ta' qabel u l-pubblikazzjoni l-ġdida sabiex, fost l-oħrajn, jara jekk il-motivi ta' l-awtur baqgħux l-istess, tbiddlux jew twessgħux biex jilħqu skopijiet jew ideali ġodda, u x'progress jew regress sar f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknika tal-kitba. Xi kultant il-kritiku jkollu sorpriża sabiħa għax jinduna li l-kittieb kien beda jaqta' triq għalih, mhix nieqsa minn preġji artistiċi, u li għad tkun tista' twassal għat-twaqqif ta' skola oriġinali ta' ħsieb letterarju.

Jekk aħna nxebbhu "Melodiji u Kuluri" ta' Ġorġ Pisani mad-damma ta' poeżiji ta' qabilha, jiġifieri "Il-Waltz tad-Dellijiet" jew ukoll ma' dik ta' sittax-il sena ilu, "Il-Għid taż-Żgħożija" insibu li bejn wieħed u ieħor il-motivi tal-poeta baqgħu l-istess, imma li nfirxu aktar, filwaqt li ninnotaw xi ħaġa ġdida f'dak li għandu x'jaqsam mat-teknika u l-metru.

Mela biex inkunu nistgħu napprezzaw tajjeb il-produzzjoni poetika ta' Pisani jaqbel li l-ewwelnett naraw x'inhuma l-motivi li jqanqlulu l-leħma u jħajruh ikanta.

L-imħabba hi l-motiv ewlieni; mhux biss l-imħabba, ftit jew wisq superfiċjali li raġel iħoss għal mara, għal xi oġġett sabiħ fin-natura jew għall-ħolqien kollu kemm hu, iżda sentiment wisq aktar profond li jisfa f'armonija perfetta bejn is-sensi tal-poeta u l-ħajja msaħħra ta' madwaru : il-misterju ta' l-għeġubijiet li nsibu fin-Natura — il-bniedem, l-insetti, l-annimali, il-ħut u t-tjur, is-siġar u l-pjanti, il-frott u l-ħxejjex—jew il-grandjosità arkitettonika li nsibu jew fin-natura mejta jew li ħarġet mill-ġenju tal-bniedem mogħni minn Alla bid-dehen. L-effett ta' dan f'Ġorġ Pisani jirriżulta fix-xejra lirika imma wkoll fiżiko-romantika tal-kitba tiegħu li bosta drabi tisfa f'avventura fantastika, meta mhux f'titjira spiritwali li tittraxxendi mill-fantasija u tqarrabna lejn Alla, Sid il-Ġmiel u Mulej is-sbuħija. U la darba semmejna l-imħabba fiżika hu xieraq li minnufih inżidu ngħidu li f'Pisani l-imħabba għas-sess l-ieħor, għall-mara li ħabb fuq l-oħrajn kollha, jew għal kull mara oħra, mhi qatt imdardra miżżina (bħalma f'ħafna kitba moderna, l-aktar ta' barranin), imma hi dejjem safja u nadifa (Mari—w 30; Meminisse Juvat—w 31; Meminisse Horret—w 31; Victor—w 32) saħansitra meta fid-

dwejjaq ta' qalbu jgħanni l-imħabba miċħuda (Viżjoni—w 32). u lanqas ma jingħeleb meta jkun ittantat jaqa' fil-mibegħda u fl-għira (—Għanja Moħbija—ż 31) jew jagħtiha għall-ħajja ħarrieqa (Triqat Mitlufa—ż 67) għaliex fis-subkonxju tiegħu hemm jaħdem it-Twemmin Divin li fih trabba u baqa' dejjem igħix u li jrażżnu u jżommu fit-triq id-dritta billi jinqeda bl-imħabba għall-poeżija li f'qalb Pisani ssaltan fuq il-ġibdiet u x-xejriet l-oħra kollha (Saltniet il-Ħajja—w 18); (Bibien—m 45).

"Poeta ta' Art Twelidu" għaliex f'qalbu tixgħel l-imħabba għal kull ma hu tassew Malti, bil-kelma mlewna tiegħu hu jżewwaq kwadri sbieħ li fihom titbissem il-ħdura tal-għelieqi Għawdxin, u b'versi għaslin isemmgħalna l-melodiji li l-mewġiet koħol u ħodor iħannu fis-Sajf huma u jħaddnu x-xtajtiet ħlejja ta' Għawdex tiegħu (Għawdex—ż 44; ż 53; Ix-Xlendi—w 5; Marsalforn—w 5). Ikanta wkoll l-avvenimenti reliġjużi (Il-Għanja ta' Merbħa—m 22; l-Ewwel Ġebla—m 29), storiċi sa miż-żmien l-aktar bikri (Għar Dalam—ż 54; f'Haġar Qim— ż 56; Il-Ġgantija t'Għawdex—ż 56; 23 ta' Ġunju, 1565—ż 35; l-Għanja tal-"Coronation"—ż 40; Nelson—ż 61; Pax—ż 6); jew leġġendarji (Il-Festa tal-Baħar—m 36) li jagħnu l-istorja tal-Maltin, u jinseġ dwarhom fantasija poetika li ttajjarna magħha fis-saltna tal-ħolm. U għax iħobb il-ġens Malti, hu jkanta wkoll ilsienu—dak l-ilsien li ġmielu baqa' għal mijiet ta' snin moħbi taħt it-trabijiet taż-żmien, imma li fl-aħħar qam glorjuż u għamel lil artna "tassew Malta Maltija" (Il-Għanja tar-Rebħa, 1934—ż 38; Lil Mikiel Anton Vassalli—ż 39; Lill-Ilsien Malti—ż 55). U billi l-ħajja Maltija tħoss l-effetti tal-movimenti li jqallbu l-istorja tad-dinja, Pisani interessa ruħu wkoll b'dan it-taqlib li ġie li qanqallu tant qalbu li ħareġ sensiela ta' poeżiji qsar (x'aktarx sunetti) imma hekk qawwija li qalgħulu l-isem ta' "il-poeta tal-politika u ta' l-istorja ta' artijiet barranin" (Fil-Waqgħa ta' Tunes u Biżerta—ż 45; Fit-Telfa ta' l-Indipendenza ta' l-Awstrija—ż 71; Maskra tal-Gass—ż 77; Oh Roma Serva—ż 78; Lin-Nażiżmu—ż 78; Racialism—ż 79; Kżekoslovakja—ż 79; Lill-Ingilterra—ż 80; Lid-Demokrazija—ż 80 Post Bellica—w 46).

Il-poeżija fiha nfisha, il-ġmiel tagħha li jsaħħru (Lill-Musa—w 6) hu motiv ieħor li jispira l-kant tiegħu (Pars Mea—ż 30). Minkejja li l-mara li ħabb ċaħħditlu mħabbitha u li dan iwasslu xi kultant biex jagħmilha ta' ċiniku ħalli b'hekk forsi jirbaħ inniket li jkun ser iwaqqgħu fil-pessimiżmu (Għanja ta' Nkejja—m 30, li tagħha "Tnehida—m 35 u "Stedina" m 35 huma x'ak-

tarx it-tweġiba; Pax Ultima—ż 12; Lil Filfla—ż 52. In-nota awtobijografika tinħass f'għadd ġmielu ta' poeżiji—Triqat Mitlufa—ż 67; Għanja Moħbija—ż 31) u jtellfu kull tama, il-fidi qawwija li l-poeżija tiegħu hi eterna (Jixbah il-Għana—w 6) taħjih u ssaħħu u f'qalbu jibda mill-ġdid jittrijonfa l-ferħ taż-żgħożija (ikkuntrasta Pax—ż 6 ma' Il-Għid taż-Żgħożija—ż 1) li tiegħu hu jkanta l-glorji.

Dan il-ferħ jippervadi parti kbira mill-għana tiegħu għax bħala Poeta Sultan (Fuga—m 10) iħoss ruħu żagħżugħ, minkejja li xi drabi l-ħsieb tal-mewt ikiddu (Għodwa ta' Novembru—ż 21; Funera I—m 34), u li għandu jkanta l-ħolm u l-ferħ, l-ideal u l-ħidma qalbenija u mħeġġa taż-żgħożija sew jekk din tinsab qalb il-bnedmin, li hu jixtieq jara magħquda f'qalb waħda (Il-Għid taż-Żgħożija—ż 1; L-Għolja—ż 10; Cor Cordium—m 64), sew qalb il-kuluri (Il-Festa tal-Kuluri—m 15) jonkella fil-baħar (Il-Festa tal-Baħar—m 15) li hu żagħżugħ, żagħżugħ ta' dejjem, iżda żagħżugħ fil-bidu taż-żgħożija li għal xejn b'xejn minn ħelu daqs tfajjel qed jitliegħeb jinbidel f'daqqa waħda f'ġorf inkurlat. Imma moħħ il-poeta kultant jiddawwal b'leħħa ta' realiżmu aħrax u jagħraf li wkoll iż-żgħożija tista' tkun għall-bniedem żmien ta' taqbida qalila li fiha s-sensi jippruvaw jaħkmu l-intellett, u li jaħasra, bosta drabi n-nies jew jinsewha jew ma jagħtux każ tagħha għax ma kenux fehmuha meta huma stess ġarrbuha (Intermezzo—m 7; Qerq u Sbuħija—m 70).

Imnebbaħ mill-ġmiel tan-Natura li meta mejta jew siekta hu jsebbaħ billi jagħtiha l-ħajja jew il-kelma personifikazzjoni) u medhi bih innifsu u s-sentimenti tiegħu (introspettiv) hu ma jitħassarx mit-tniġġis u s-sofistikazzjoni tal-ħajja moderna talbniedem li anzi jistmerr meta b'xi mod tolqtu (Hbiebi—w 10; Is-Sengħa tal-Mibegħda—w 28; Dmugħ—w 76; Funeral—m 34; Il-Kmajra Tiegħi—w 14; Xofftejn—w 17; Lill-Kristiċi Tiegħi—w 28). Kważi bla ma jrid, hu jkanta l-ġmiel li Alla ħalaq: iddawl tax-xemx, il-qamar u l-kwiekeb; l-ilwien imżewqa minn idejn l-anġli; il-ħsejjes sinfoniċi ta' l-ilma ġieri, tal-għasafar jgħannu qalb il-friegħi u l-weraq, taż-żiffa tonfoħ fuq is-swaba' tal-awrikarja huma u jgħargħxu" il-kordi kollha deheb fl-arpa tar-riħ"; tal-mewġ li jbewwes ix-xtajta Maltija. Dawn il-motivi u dawn il-kwalitajiet kienu forsi jistgħu jagħtuna poeta ieħor kbir, imma mhux lil Ġorġ Pisani kif nafuh aħna, li kieku filgħana tiegħu ma kienx hemm xi ħaġa oħra aktar fondamentali li tippenetra l-ħsieb u tidħol u tintiseġ mal-versi kollha—is-sinċe-

rità. Ġorġ Pisani jkellimna b'qalbu f'fommu u mhux biss jgħidilna dak li jara, jisma' jħoss u jaħseb, imma jixħet xaqq dawl qawwi fuq il-ħajja ġewwenija tiegħu u jesterna dak li ħadd ieħor iżomm moħbi ġo fih bħallikieku xi sigriet l-aktar intimu. Minn dan ġej dak il-liriċiżmu li jaħji u jsebbaħ il-poeżija ta' Pisani u li jissokta jkabbar il-valur estetiku tagħha, anzi, biex ngħid hekk, jagħmilha immortali.

Pisani hu wkoll mgħallem tat-teknika; infatti ninnotaw li jaf jinqeda tajjeb, u jinqeda spiss, b'dik li tissejjaħ metamorfosi poetika, sabiex mhux biss ifisser il-ħsieb tiegħu, imma janimah b'tixbih fin u delikat. Il-vers tiegħu, sew meta qasir, kemm meta twil, hu ħelu daqs l-għasel u z-zokkor u bir-ritmu melodjuż tiegħu jpaxxilek il-widna u jsaħħrek għal warajh. Dan il-vers hu x'aktarx wati u jimxi ħafif, ukoll meta jgħid fuq it-taqbid tal-ħajja għaliex ħa ħafna mill-kant sempliċi tat-tfal.

Imma forsi ma nkunux qegħdin nagħmlu d-dmir tagħna birreqqa jekk ma nalludux għal xi difett żgħir 'l hawn u 'l hemm, u li għandu x'jaqsam l-aktar mal-metrika jew mat-tqassim tal-vers, bħalma: rima xi drabi falza; l-użu żejjed tad-dijeresi; metrika "sui generis" (dan forsi lanqas hu difett, imma l-kuntrarju, la darba r-ritmu hu ħafif u jinstema' sabiħ, għalkemm il-metru li jimxi mad-daqqa tal-ħsieb u jitbiegħed mir-regoli fissi tal-prosodija; l-isem ta' xi wħud mill-poeżiji f'"Melodiji u Kuluri" ittieħed mit-terminoloġija tal-mużika u donnu jrid jissuġġerilna d-daqqa jew il-pass li bih jimxi l-vers f'dik il-komposizzjoni partikolari; u xi liċenzi oħra li hawn min jista' jqishom abbużi. Dawn id-difetti jinsabu f'għadd akbar f'"Melodiji u Kuluri" milli fil-ġabriet l-oħra, donnu l-poeta, issa li beda jikber u beda jħoss l-enerġija tonqoslu, ma xtaqx jinħela fuq irqaqat li bi ftit limar bis-sabar setgħu tnaqqsu ħafna. Hawn ukoll min hu tal-fehma li fis-sunetti ta' "Il-Għid taż-Żgħożija" u aktar f'dawk ta' "il-Waltz tad-Dellijiet" Pisani laħaq l-ogħla quċċata fix-xogħol poetiku tiegħu; jista' jkun li dan hu minnu, iżda lanqas għandna ninsew li d-damma ta' poeżiji f'"Melodiji u Kuluri" hi frott ta' qawmien u tiġdid, u li fosthom insibu l-għanja Maltija fil-kobor tal-ġmiel tagħha romantiku. Oħrajn igħidu li l-poeżiji reliġjużi li jidhru f'din id-damma huma x'aktarx neqsin mill-qawwa tal-ħsieb, ispirazzjoni u entużjażmu poetiku u li artistikament huma ftit dgħajfa; jagħmlu eċċezzjoni għal "Omm u Omm". Ma' din l-eċċezzjoni naqblu għal kollox, u nżidu li jekk hu minnu li l-poeżija reliġjużi x'aktarx inkitbu għall-okkażjoni,

"Il-Għanja ta' Merħba" (u "L-Għanja ta' l-Assunzjoni", li mhix f'din il-ġabra) turi mħabba lejn il-Madonna hekk kbira li ma setgħetx ma qanqletx il-poeta biex jagħti mill-aħjar tiegħu. Wara li għidna dan, ma nħossux li nkunu qegħdin nagħmlu l-ħaqq mal-poeta Ġorġ Pisani jekk ma ngħaġġlux inżidu li dawn in-nuqqasijiet ma jnaqqsux, jew inaqqsu ftit ferm, mill-preġju artistiku tiegħu bħala poeta jew mill-ġmiel tal-versi tiegħu mimlijin imma ħelwin, li jlellxu b'ħafna lwien u li magħhom il-ħsieb tagħna "jittajjar 'l hemm mis-sħab u 'l hemm miż-żmien".

---

# KRONAKA TAL-GHAQDA

## RAPPORT AMMINISTRATIV LI NQARA MIS-SEGRETARJU F'SEDUTA ĠENERALI FID-29 TA' APRIL, 1962

Fil-Laqgħa Ġenerali li ssir sabiex jinħatar Kunsill ġdid, hu dmir is-Segretarju li jagħti tagħrif lill-Membri Akkademiċi dwar dak li jkun sar u x'passi ttieħdu mill-Kunsill li tiegħu hu kien is-Segretarju; u forsi ukoll jagħmel kummenti sabiex ifisser xi kustjoni li dwarha kien hemm fehmiet ma jaqblux għal kollox bejniethom. Dan id-dmir jiena nilqgħu bil-ferħ għaliex inħossni ċert li intom sejrin tapprovaw, għallinqas fl-għadd il-kbir tal-każi, dak li għamel il-Kunsill mill-ħatra tiegħu fil-31 ta' Mejju, 1959, 'l hawn, biex jintlaħaq dejjem aħjar u b'mod aktar fej-jiedi l-għan li għalih kienet twaqqfet l-Għaqda tagħna kważi 42 sena ilu. (14/11/1920).

Nibda biex ngħid li sa mill-bidunett il-ħsieb u l-fehma tagħna kienu li nżommu fil-kitba Maltija l-ortografija tagħna, li naqbżu għall-jeddijiet ta' l-Ilsien Malti u li mmexxu u nxerrdu l-letteratura tiegħu. Nittama li ser inkun nista' nurikom kemm ħdimna sabiex insostnu dan l-iskop u li ma ħallejna taħarbilna ebda okkażjoni biex mhux biss nimxu aktar 'il quddiem, imma sew inżidu kemm nifirxu aktar l-attivitajiet tagħna fil-qasam lingwistiku u letterarju. Iżda, mill-banda l-oħra, żammejna rwieħna dejjem indipendenti u qatt ma ndħalna f'kull xejra oħra tal-ħajja soċjali jew politika. Għalhekk, għalkemm ġie li waslilna xi stedin biex nieħdu sehem f'din jew f'dik il-ħidma li m'għandhiex x'taqsam ma' lsienna, aħna dejjem irringrazzjajna u astjenejna. Mill-banda l-oħra, dan ma jfissirx li aħna, bħala individwi, għalaqna għajnejna u saddejna widnejna għal dak li kien qiegħed isir madwarna: fraħna u għalejna mal-ġrajjiet u fissirna dak li għadda minn moħħna u ħassejna f'qalbna, iżda bla ma qatt żeffinna fin-nofs lill-Għaqda. B'danakollu, fi ġrajjiet kbar li qanqlu s-sentimenti nazzjonali, l-Għaqda tagħna wkoll tat il-kontribut tagħha bħal meta ippubblikat 'Numru Uniku' ta' poeżiji biex, fi żmien il-festi taċ-Ċentinarju Pawlin, flimkien mal-bqija tal-Maltin tfakkar il-miġja fostna ta' l-Appostlu Missierna San Pawl li kien ġibilna l-Fidi Nisranija u li għadha tant għażiża għall-qalb ta' min hu tassew Malti.

Wieħed mill-mezzi li għandna sabiex nilħqu l-iskop li għalih aħna neżistu hu li nippubblikaw IL-MALTI kull tliet xhur; dan hu l-organu uffiċjali tagħna u nħossuna kburin li minkejja ħafna tfixkil—l-aktar finanzjarju, billi l-ispejjeż ta' l-istampa qegħdin kull ma jmorru jogħlew—IL-MALTI baqa' joħroġ dejjem—u meta dam xi ftit ma deher, it-tort kien x'aktarx ta' l-istampaturi, u żgur mhux ta' l-Editur u l-Amministratur li dejjem isusu li joħroġ fi żmienu u f'libsa li tixraqlu.

Saru ħidmiet oħra dejjem bl-istess ħsieb: il-Viċi-President, bl-għajnuna ta' xi kollaboraturi, ħa ħsieb il-pubblikazzjoni fi tliet kotba, wieħed minnhom diġà annotat, tax-xogħlijiet bil-Malti tal-maħbub sieħibna fl-ideal, Sir Temi Zammit. Twaqqfet kummissjoni u nkiteb memorandum li ġie mressaq quddiem id-Direttur ta' l-Edukazzjoni, dwar it-tagħlim tal-Malti fl-iskejjel sekondarji, fejn urejna mhux biss ix-xewqa tagħna, iżda l-ħtieġa li, l-istess bħas-suġġetti l-oħra prinċipali, il-Malti wkoll ikun meqjus bħala suġġett obbligatorju għal dak li għanuu x'jaqsam ma' l-eżamijiet, sa mill-ewwel klassijiet—kif difatti sar. Kummissjoni oħra għandha f'idejha programm ta' attività sabiex ix-xogħlijiet ta' l-awturi Maltin ikunu aktar magħrufa, mhux biss fostna, iżda wkoll qalb il-barranin. Kumissjoni oħra tiżvolġi l-ħidma tagħha mar-Rediffusion u tagħti l-pariri tagħha kull meta tkun mitluba—u dawn mhumiex okkażjonijiet rari; f'każ wieħed biss, ir-rappreżentant tagħna ma kienx milqugħ kif jixraqlu, u dan mhux ħtija tal-kapijiet għoljin ta' din il-kumpanija, iżda ta' wieħed kap ta' sezzjoni. Għad għandna r-rappreżentant tagħna fuq Bord Governativ li jieħu ħsieb jissuġġerixxi l-għoti ta' sussidju lill-awturi ta' xogħlijiet bil-Malti ta' għallinqas ċertu livell letterarju. Xi membri tal-Kunsill, fosthom il-President, ħadu sehem fi programmi mxandra mir-Rediffusion u li fihom iddefendew il-qagħda ta' l-Ilsien Malti f'pajjiżna; oħrajn kienu magħżula eżaminaturi u mitluba jagħtu l-fehma tagħhom fuq xogħlijiet ta' valur letterarju qabel ma jkunu mxandra. Ħriġna wkoll 'Numru Kommemorativ' ta' IL-MALTI għeluq it-tmenin sena tal-maħbub Viċi-President tagħna, Dottor Antonio Cremona, magħruf fostna bħala s-Sur Nin; ma għandix għalfejn, f'dan ir-rapport, ngħid x'naħsbu u x'inħossu dwar Ninu Cremona; kelmtejn u nieqaf: min qatt jista' jsemmi l-Ilsien Malti u l-iżvilupp ta' l-istudju fuqu u fuq dak li għandu x'jaqsam miegħu u ma jsemmix b'tifħir lil Dottor Cremona?! Min qatt jista' jitkellem fuq l-istorja tal-Għaqda tagħna u ma jkollux jieħu fit-tul biex igħid, saħansitra fuq, fuq, dak li għamel is-Sur Nin għall-Għaqda sa mill-bidunett tat-twaqqif tagħha?! Kummissjoni oħra ħadet ħsieb ħaġa aktar profana, jew forsi aħjar ngħid aktar materjali, imma meħtieġa wkoll għax tfisser b'mod prattiku u oġġettiv is-sentimenti tagħna. Aħna għaqda żgħira ta' nies medhijin b'xogħolna u bil-qadi tad-dmirijiet partikolari tagħna, iżda ta' kultant inħobbu niltaqgħu flimkien biex nifirħu b'xulxin u nitkellmu bejnietna biex nagħrfu l-fehmiet, l-ideat u l-ħsibijiet ta' xulxin; nifirħu wkoll meta xi wieħed minna jikseb xi ġieħ jew b'xi mod jew ieħor jintrefa' u jintgħażel mill-bqija tal-bnedmin. Għalhekk fraħna mal-President tagħna meta reġa' lura mill-Amerika ta' Fuq wara żjara uffiċjali f'dik l-art; u fraħna miegħu wkoll meta kien maħtur 'Fellow of the Royal Society of Health'—jekk ma niżbaljax, l-ewwel Malti li stħoqq dan il-ġieħ; fraħna mal-President Onorarju tagħna, il-Wisq Reverendu Monsinjur Professur Dun Pietru Pawl Saydon, meta l-Università Rjali ta' Malta għoġobha

żżidlu grad ieħor ma' dak li diġà kellu u tweġġħu bid-Dottorat Onorarju tal-Letteratura għall-ħidma wtieqa tiegħu fil-qasam universitarju, iżda b'mod speċjali biex turi l-apprezzament ta' Malta għax-xogħol monumentali tiegħu, it-traduzzjoni bil-Malti tal-Bibbja mill-oriġinal Lhudi u Grieg; fraħna wkoll ma' membru ieħor tal-Kunsill, il-Wisq Reverendu Monsinjur Professur Kanoniku Edward Coleiro meta l-Maestà Tagħha r-Reġina għoġobha taħtru Uffiċjal ta' l-Ordni ta' l-Imperu Ingliż għall-merti kbar tiegħu f'ħafna fergħat tal-ħajja, imma b'mod speċjali għax-xogħol tiegħu sabiex jirnexxu l-festi taċ-Ċentinarju Pawlin. U biex nuru b'mod ċar li aħna fraħna, ridna niltaqgħu ma' dawn il-ħbieb u ħsibna li nagħtuhom pranzu—li kull darba rnexxa ħafna; għal dan ma nistgħux ma nkunux grati lejn il-kummissjoni li ħadet ħsieb l-organizzazzjoni, li kull darba, nistgħu ngħidu kienet perfetta.

Ma' dawk il-Maltin ukoll li jiksbu xi ġieħ fil-qasam letterarju, saħansitra meta huma ma jkunux Membri Akkademiċi tal-Għaqda tagħna jew ma jinqdewx bl-Ilsien Malti biex ifissru rwieħhom, aħna nifirħu: għalhekk ktibna ittra ta' kongratulazzjoni lil Dr. Giovanni Curmi meta dan ġie l-ewwel f'konkors letterarju ta' poeżija miktuba bit-Taljan li sar l-Italja. Dr. Curmi tant feraħ bl-ittra tagħna li kien beħsiebu jżommha quddiem għajnejh biex tfakkru ta' sikwit fil-ħbieb u l-ammiraturi li għandu fi ħdan il-Għaqda.

U jekk fraħna mal-ħbieb meta kien żmien il-ferħ, qsamna magħhom in-niket meta huma tilfu lil xi ħadd għażiż għalihom. Aħna wkoll ħriġna telliefa mill-ħasda tal-minġel tal-mewt: miet għall-għarrieda seħibna Ġużè Ellul Mercer—kittieb qawwi bil-Malti, rumanzier, ġurnalista, difensur ta' l-Ilsien Malti, għal snin membru tal-Kunsill tagħna, politiku, Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, kemm-il darba Aġent Prim Ministru u li għen ħafna lill-Għaqda meta ħa f'idejh u mexxa b'suċċess il-kustjoni sabiex jingħata mill-Gvern vitalizju lil Dun Karm, il-Poeta Nazzjonali. Miet ukoll l-istess Dun Karm f'wieħed minn dawk il-jiem li konna qegħdin inħejju rwieħna biex niltaqgħu miegħu ħalli nifirħulu għall-għomor twil li l-Mulej kien għoġbu jisilfu. Malta kollha bkietu lil dak li kien kanta dak li ħi tħoss fil-fond ta' l-essri tagħha; li fisser f'versi qawwija imma melodjużi, irżina u bla xniexel, iżda sbieħ u ndaf, b'saħħithom u li ma jmutu qatt, is-sentiment nazzjonali—reliġjuż, patrijottiku, kburi bil-wirt tiegħu, imma kiebi quddiem Alla li fdieh u ħelsu mill-għedewwa. U stajna ma nibkuhx, ma nħossux it-telfa tiegħu, aħna, li biex ngħid hekk, trawwamna fil-benna ta' kliemu, tgħaxxaqna bil-ħlewwa tal-versi tiegħu, stagħġibna bil-kobor ta' ħsiebu, tirna mal-fantasija tiegħu u smajna jidwu f'widnejna bl ħlewwa għaslija t-twissijiet tiegħu kollha għerf u għaqal, u ssaħħarna wara l-ideal qaddis li hu kellu ta' Malta Nisranija, Malta Maltija

Hemm bżonn inżid ngħid li Dun Karm kien it-tieni President tal-Għaqda tagħna? Li għal bosta snin kien id-Direttur ta' IL-MALTI? U li sakemm miet baqa' President Onorarju tagħna? Hemm bżonn insemmi l-ħidmiet tiegħu, li kien surmast magħruf u maħbub fis-Seminarju, Assistent Bibljotekarju, Eżaminatur Universitarju? Forsi mhux kull wieħed minna jaf li l-Arċisqof kien għamlu Kanoniku Onorarju tal-Katidral bit-titolu ta' Monsinjur Kapitolari? Li l-Università Rjali ta' Malta onoratu bit-titolu ta' Duttur tal-Letteratura—grad li nħoloq biex jingħata lilu? Li kien hu l-ewwel wieħed li ġie mogħti l-Medalja Ġużè Muscat Azzopardi? U li l-Maestà Tagħha r-Reġina ħatritu Kmandant ta' l-Ordni ta' l-Imperu

Ingliż? Jeħtieġ li hawn intenni li Dun Karm kien fuq kollox Poeta, l-akbar Poeta fl-Ilsien Malti?! Le, ħuti; dan ma għandix għalfejn nagħmlu, għaliex intom tafu forsi aktar minni min kien Dun Karm, tafu daqsi kemm konna nħobbuh, u tafu bħali x'tilfet Malta u x'tlifna aħna bil-mewt tiegħu! Il-funeral li sarlu kien turija ċara, jekk qatt kienet meħtieġa, ta' l-istima li fiha, minkejja l-battalji ta' l-imgħoddi, kien miżmum. Aħna wkoll ħadna sehem f'dak il-funeral nazzjonali, għax ridna nuru bid-dieher dak li konna nħossu; u għalhekk ukoll ipparteċipajna fis-Serata Kommemorativa li saret fl-Università Rjali; imma mbagħad, ridna ninġabru flimkien f'post imwarrab, iżda dinjituż, biex hemmhekk niftakru f'Dun Karm tagħna u nitolbu għal ruħu, għalkemm konna żguri li dik, imwassla mill-Madonna u San Pawl li tagħhom kien wisq devot— ftakru f'dak li kanta—kienet diġà ttajret f'riġlejn Kristu Sultan biex tieħu l-premju li kien ħaqqha għall-ġid li kienet għamlet fuq dina l-art. Għalhekk iltqajna fl-Oratorju ta' San Ġwann biex flimkien nisimgħu quddiesa—li qaddisha l-Wisq Reverendu Provinċjal, Professur Patri Serafin Żarb, Membru tal-Kunsill—u noffruha b'suffraġju ta' ruħ dak li tassew sthoqq il-'bene meriti' ta' artu, ta' Malta Nisranija u Maltija.

Aħna, ta' Dun Karm xtaqna jkollna memorja, tifkira materjali: xi affarijiet tiegħu, li żgur konna ngħożżu, ħafna żammewhom il-pro-neputijiet tiegħu; oħrajn xtrahom il-Mużew fejn nittamaw għad ikunu esibiti. Aħna lħaqna l-mandolina tiegħu, li kif għarrafna seħibna, Ninu Cremona fit-tifkira li kiteb, Dun Karm kien iħobb idoqq meta kien surmast tiegħu, is-Seminarju; għal din il-mandolina niżżu ħajr lit-Tabib Cremona li meta mar joqgħod fid-dar li fiha kien igħammar Dun Karm f'Tas-Sliema, xtara dak li ma reditx iżżomm il-familja u li mbagħad biegħhom.

Is-soċjetà tal-qassisin, "Christus Rex" ma setgħetx ma titkabbarx b'Dun Karm li kien jagħmel ġieħ lill-kleru Malti; għalhekk qatgħet li tagħmel film dwar ħajtu u li tfondi bust tal-bronż biex bihom jibqa' mfakkar. Nafu li ma kenux jeħtieġu u la film u lanqas bust biex Dun Karm ma jintesiex għax il-versi tiegħu huma immortali; iżda fl-istess ħin ma stajniex ma nifirħux bil-ħsieb nobbli ta' "Christus Rex" u ħadna sehem magħhom fil-festa li għamlu lil Dun Karm. Nittamaw, mas-saċerdoti kollha Maltin, li l-bust ma jdumx ma jitqiegħed f'post fejn jixraqlu biex ifakkar lil kull min jgħaddi minn quddiemu—intenni, jekk tfakkira qatt tkun meħtieġa—li kien qassis Malti li kanta l-glorja ta' Malta, li kien Qassis Malti li għolla l-letteratura Maltija għall-ogħla livell tal-kitba ta' pajjiżi oħra. Meta l-President tagħna kien l-Amerika, xi Maltin ta' hemm urewh ix-xewqa li jwaqqfu kopja tal-bust f'wieħed mill-'parks' biex il-barranin ukoll isiru jafu aktar il-Poeta Malti u jonorawh; ħsieb sabiħ, sabiħ tassew; u aħna għinniehom mill-aħjar li stajna biex l-għan tagħhom jintlaħaq.

Kif diġà tarraft, Dun Karm kien igawdi vitalizju mill-Gvern; aħna konna tal-fehma li dan għandu jibda jgawdih bniedem ieħor li wkoll jixraqlu: ħadna, flimkien mal-Professur Aquilina, bħala President tal-Għaqda tal-Malti (Università) l-passi li kienu jidhrilna meħtieġa ma' l-aqwa awtoritajiet tal-Gżira; forsi l-ħsieb tagħna għad jirnexxi; nittamaw li l-Kunsill il-ġdid jibqa' jsus bla ma jaqta' qalbu.

Bit-tħabrik tal-Kunsill, b'mod speċjali ta' xi membri aktar minn ta' oħrajn, kif ukoll permezz ta' l-isem tajjeb li xi Membri Akkademiċi jgawdu

fost il-barranin, u b'mod speċjali f'ambjenti ta' studju u tfittix xjentifiku, lingwistiku u letterarju, l-Għaqda tagħna, għalkemm żgħira, hi magħrufa u minn żmien għal ieħor jasluIna talbiet ta' tagħrif akbar fuqna; jasal ukoll stedin biex xi delegati tagħna jieħdu sehem f'diskussjonijiet bejn nies l-aktar magħrufa fil-kamp lingwistiku; fost dawn ma rridx ninsa nsemmi ċ-Ċentru Internazzjonali tad-Djalettoloġija li xtaq tassew jilqa' membru minn tagħna għas-'seminar' li kellu jsir fl-1960. Kontra qalbna, ikollna nirringrazzjaw u ma nilqgħux dan l-istedin għas-sempliċi raġuni li, ma għandniex mezzi biżżejjed biex niffinanzjaw vjaġġi li żjarat ta' din ix-xorta jitolbu.

La daħlet il-kustjoni tal-finanzi, ma nistax ma nsemmix li l-Gvern, sa minn snin ilu, jgħinna bis-somma ta' £30 fis-sena. Meta tawhielna l-ewwel darba, din is-somma ta' flus, kienet ta' valur mod; il-lum il-valur tagħha naqas ħafna; ma nistax ma nappellax lill-Gvern biex iżid dan is-sussidju ħalli nkunu nistgħu naqdu dmirna aħjar u nweġġħu isem Malta kif jixraq.

L-appell tiegħi jmur ukoll għal dawk il-ftit membri morużi li għal xi raġuni jew oħra jittraskuraw il-ħlas ċkejken ta' kull sena; il-flus tagħhom huma meħtieġa għax-xogħol tagħna—l-aktar billi daż-żmien l-ispejjeż huma kbar.

Sabiex l-organu tagħna jasal kemm jista' jkun f'idejn kulħadd, ħsibna li nibagħtu kopja bħala kumpliment lil diversi entitajiet, soċetajiet u librerija; b'hekk jitnaqqsu d-diffikultajiet—avolja forsi tkun kustjoni ta' ftit soldi—għal dawk li jkunu jridu jaqraw IL-MALTI; forsi dan jgħodd l-aktar għall-istudenti li kull sold li jonfqu hu taxxa fuq il-but tal-ġenituri tagħhom.

Għalkemm l-Għaqda tinteressa ruħha, u ilha tinteressa ruħha, fil-palk Malti, il-Gvern Kolonjali għoġbu jinjorana meta ġie biex iwaqqaf it-Teatru Nazzjonali; bil-prudenza kollha ressaqna s-sogħba tagħna imma għalkemm bil-kliem ma qalulniex hekk, bil-fatti ħallewna barra. Għall-inqas, wieħed mill-eżaminaturi tal-konkors li tnieda għal drammi biex jinħadmu fuq il-palk tat-Teatru Manoel kien il-Professur Aquilina, li hu wieħed mill-Presidenti Onorarji tagħna! Nifirħu lil sħabna, Membri Akkademiċi, is-Sinjuri Ġużè Diacono, Ġużè Chetcuti, Joe Vella Bondin u Ġino Muscat Azzopardi li kienu ppremjati.

Kif qegħdin taraw, il-lum ma nġbarniex fl-istess lokal fejn konna ltqajna l-aħħar darba għall-istess skop tal-lum. Tawna s-sensja, u wara ħafna taħbit, l-aktar tal-Viċi-President, sibna dan il-post, li għalkemm żgħir, jilqagħna.

Mingħajr lokal kien ikun diffiċli li niltaqgħu u mmexxu l-attivitajiet tagħna sewwa; forsi xi wħud minna għadhom jiftakru fl-imgħoddi meta konna rridu nittallbu issa lil din, issa lil dik is-soċjetà jew każin biex jisilfuna kamra. Tassew għandna għaliex nirringrazzjaw 'l Alla li għandna fejn indeffsu rasna!

Dan il-Kunsill—barra mil-laqgħat tal-kummissjonijiet—għamel 14-il seduta plenarja.

L-għadd tal-Membri Akkademiċi żdied bi 11 u tnaqqas bi 2, kawża tal-mewt. Il-lum inlaħħqu 72 Membru Akkademiku, 4 minnhom Presidenti Onorarji u Membru Onorarju, u 6 Membri Korrispondenti.

Qabel nagħlaq, inħoss li għandi nirringrazzja lil sħabi tal-Kunsill, u b'mod speċjali lill-President, għall-għajnuna li dejjem tawni, u lilkom ukoll, mhux biss għas-sabar li ħadtu toqogħdu tisimgħuni naqra dan ir-rapport, imma għall-għajnuna morali tagħkom, għaliex jien żgur li nkun qiegħed ninterpreta tajjeb il-ħsieb tal-Kunsill meta ngħid li f'kull pass li ħadna ħassejna dejjem li intom kontu qegħdin tappoġġjawna.

GODFREY ZARB ADAMI,
Segretarju Onorarju.
29, IV. 1962.

## IL-GĦID IT-TAJJEB!

*Ta'* G. BORG PANTALLERESCO

*Lill-Professur Ġużè Galea.*

Jiem il-borra għaddew
Għażiż Dr. Giuseppe
u s-sbieħ tar-rebbiegħa
reġgħu ġew
biex jagħmlulek mill-isbaħ
il-Għid
biż-żahar, bil-vjoli
u bil-ward
taħt sema tal-kobalt:
ġilji, tulipani
u ġiżimin
li bih
tant ħabbew jiżżejnu
il-fqajrin.

Jalla
mal-*uovo di Pasqua*
issib dejjem
il-ħobż tas-smid
u tad-dwieli tagħna
il-qatra ta' l-inbid,
li tqawwi d-demm
u tnessina għal ftit
id-dmugħ u l-hemm.

# REĊENSJONIJIET

**"WHO DRINKS NILE WATERS?!"** By Ivo Muscat Azzopardi, translated from the original Maltese by Arthur Charles. Orphans' Press, Għajnsielem, Gozo — 1961. P. 160.

Dan hu ktieb interessanti fil-letteratura Maltija għal żewġ raġunijiet: l-ewwelnett għax is-suġġett tiegħu — stħarriġ u tkixxif, mhux komuni fil-letteratura tagħna, it-tieninett għax hu wieħed mill-ftit kotba Maltin li kellhom ix-xorti li jinqalbu f'ilsien barrani.

Bħall-kotba kollha tad-*detectives*, dan jinqara b'dehwa kbira; hu ħafif, interessanti u jqajjem kurżità fil-qarrej; jittratta fuq episodji, sitwazzjonijiet u ċirkustanzi tal-ħajja attwali u ma hu xejn eżaġerat jew imġebbed. L-istil ta' l-awtur baqa' jidher u jinħass ukoll fit-traduzzjoni, stil mexxej, ħafif, f'paragrafi żgħar u perijodi qosra li jixirqu ħafna għar-rakkontar ta' stejjer dwar ħażen u delitti fejn l-azzjoni tiġri b'ħeffa kbira.

Osservajna li t-traduttur żamm ħafna fuq is-sura Maltija tal-kostruzzjoni grammatikali kif ukoll tat-termini lessikali tant li xi drabi qaleb għajdut idjomatiċi Maltin letteralment fl-Ingliż; l-espressjonijiet idjomatiċi jitilfu ħafna mill-qawwa tagħhom meta jinqalbu kelma b'kelma f'ilsna oħra u aktarx għalhekk li f'din it-traduzzjoni kultant niltaqgħu ma' paragrafi jew bċejjeċ tqal; imma min-naħa l-oħra dan il-qlib fidil iwassal aħjar fil-moħħ tal-qarrej l-istil ta' l-awtur oriġinali.

It-tifsila tal-ktieb hi magħmula skond is-sengħa; fiha t-tħejjija, il-ftuħ, il-ġrajja u l-egħluq. Il-ktieb iżda jibda bil-ftuħ meta d-detektiv Malti jkun mistieden biex iwettaq stħarriġ fl-Eġittu u mbagħad igħaddi għat-tħejjija fejn ifisser dwar id-duwa ipnotika, mniex issir, kif taġixxi, l-effetti tagħha u l-kuntrabandu biex tinbiegħ. Dan it-tifsir hu utli, interessanti u istruttiv, imma naħseb li hu miktub fit-tul iżżejjed hekk li jfixkel il-qies bejn it-tħejjija u l-ishma l-oħra tar-rakkont. Mill-bqija il-ġrajja u l-egħluq huma miġbudin tajjeb u kif imiss.

Il-ktieb hu stampat pulit u ċar, fih daqs adattat biex wieħed iżommu fil-but u għandu għamla li tħajjar. Nittama li jkollu suċċess kif tassew jixraqlu.

G.

**"L-IMSIERAĦ BIL-KNISJA TIEGĦU"** ta' Ġużè Dimech Debono. Lux Press — 1962. Paġ. 24.

Dan hu ktieb li jiswa wisq għall-istorja ta' dawk il-limti antiki talparroċċa ta' Birkirkara, il-lum magħrufin bħala l-Imsieraħ. Naħseb li ftit hawn f'Malta li jistgħu jindaħlu għal din il-biċċa xogħol aħjar mill-awtur li magħruf bħala awtorità fuq dak kollu li għandu x'jaqsam ma' Birkirkara u l-Bażilka tagħha. Jidher li hu ndaħal għal dan il-ktieb mhux biss bil-ħrara ta' patrijott imma wkoll bil-għaqal ta' studjuż ta' l-istorja.

Il-ktejjeb jiftaħ bi storja qasira fuq l-Ordni tal-Kapuċċini u l-miġja tagħhom f'pajjiżna, imbagħad igħaddi biex jiddeskrivi l-ġrajja tal-post

minn żmien il-preistorja: "l-Għargħar magħruf bħala ċentru tat-traffiku ta' qabel żmien Kristu". L-awtur isemmi wkoll xi ġrajja li twettqu f'dawk l-inħawi fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi; e.g. il-batteirja t-twila u t-tlugħ ta' l-ewwel bandiera Ingliża f'Malta.

Fl-aħħar tal-ktieb jinstabu aħbarijiet dwar il-benefatturi li bil-ġenerożità tagħhom tellgħu l-knisja kbira u sabiħa tal-Madonna ta' Lourdes u l-kunvent tal-Kapuċċini u, biex tibqa' bħala memorja għaż-żmien li ġej, hemm ukoll deskrizzjoni tal-festi u ċ-ċerimonji li saru fl-okkażjoni tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla u tat-tberik tal-Knisja l-ġdida.

Il-ktieb hu stampat tajjeb u ċar, hu mżejjen b'ħafna stampi u fuq kollox, kull taqsima hi kompita b'lista biblijografika. Nirrikmandawh lill qarrejja l-aktar lil dawk li joqogħdu l-Imsieraħ għax dan il-ktieb stampat b'riżq il-knisja tagħhom.

G.

**"STEJJER U KITBA OĦRA"** ta' Sir Temi Zammit; miġburin minn A. Cremona, D.Lit. It-tieni u t-tielet ktieb. A.C. Aquilina & Co., Valletta — 1961.

Il-"Għaqda tal-Kittieba tal-Malti" jistħoqqilha kull tifħir talli ndaħlet biex tiġbor ix-xogħlijiet ta' Sir Temi Zammit u toħroġhom f'selsiela ta' kotba għalihom; b'hekk isem Sir Temi jibqa' ħaj fost il-qarrejja Maltin u l-kitba tiegħu tibqa' tħeġġeġ u tgħaxxaq lil dawk li jħobbu l-ilsien Malti.

Il-"Għaqda" għandha x-xorti li ħasbilha biex joħroġ dawn il-kotba, wieħed mill-Membri Akkademiċi tagħha l-aktar anzjan u l-aktar ħabrieki, id-Duttur Ninu Cremona li bħalu żgur li ħadd ma jaf iqis il-fejda, is-siwi, is-sengħa u l-ġmiel ta' Sir Temi Zammit. Cremona jaf lil Zammit mill-qrib: it-tnejn kienu ħbieb tal-qalb u ħadmu flimkien fil-qasam arkeoloġiku kif ukoll f'dak letterarju. Cremona jaf il-ħsieb li kellu Zammit meta kiteb ix-xogħlijiet tiegħu bil-Malti għax hu, biex ngħid hekk, jafhom jinħolqu f'moħħ il-kittieb u mbagħad jieħdu sura f'"Il-Malti" jew f'"Leħen il-Malti" jew f'kotba oħrajn.

Il-ħbiberija u r-rabta li kien hemm bejn Cremona u Zammit tidher fl-għaqal u fl-entużjażmu li wera Cremona fil-ġbir u fit-tqassim tax-xogħlijiet ta' ħabibu. Dawn ix-xogħlijiet huma aktarx proża—jħaddnu suġġetti ta' kull bixra, ta' kull għamla u ta' kull xejra, imma s-Sur Nin qassamhom f'ishma marbutin flimkien hekk li l-qarrej jista' jaqra f'dak is-sehem li jogħġbu, fuq storja, qdumijiet, snajja', tifkiriet tradizzjonali, drawwiet, ħrejjef, novelli storja naturali u tagħlim ieħor.

Il-kitba ta' Sir Temi Zammit, barra li għandha xejra universali għax tmiss ħafna suġġetti, tingħadd fost l-aħjar letteratura Maltija. Hi kitba ħafifa, mexxejja, ferriħija; l-istil ta' Zammit hu ta' mgħallem tal-kelma Maltija, is-sengħa idjomatika tiegħu għadu ma għaddieha ħadd. Din il-kitba tnissel għoġba ta' qalb u serħien ta' moħħ, imma fl-istess ħin timla lill-qarrej b'ħeġġa għat-tagħlim u tixegħlu bin-nar ta' l-imħabba għal pajjiżu, għax din il-għamla ta' kitba barra li ddewwaq il-benna letterarja tiswa wkoll biex "wieħed jedha u jithenna bil-qari fuq il-ħajja ta' dari, drawwiet qodma li l-lum qed jintesew, fuq xi episodji sbieħ ta' l-istorja

ta' Malta, fuq xi tagħlim ta' l-istorja naturali, snajja' jew industrji qodma ta' Malta".

Dawn iż-żewġ kotba jissoktaw it-taraġ li kellu bidu fl-ewwel ktieb. Dan it-taraġ l-aktar li tfassal għat-tfal ta' l-iskola biex sena wara l-oħra, aktar ma jitilgħu fi klassijiet għoljin, aktar jaqraw u jitgħallmu suġġetti li jiswielhom biex jiftħu moħħom u jsiru rġiel sewwa u patrijotti.

Naħseb li ftit hawn kotba ta' qari bil-Malti għat-tfal ta' l-iskola aħjar minn din il-ġabra; dan qaluhuli surmastrijiet u tfal u għal din ir-raġuni biss il-"Għaqda" u Ninu Cremona ħaqqhom kull tifħir, imma jistħoqqilhom ukoll kull foħrija għax b'din il-pubblikazzjoni taw ġieh lil wieħed mill-akbar ulied ta' Malta, kif jidher mill-bijografija tiegħu fil-bidu tat-tielet ktieb, miktuba minn Dr. Ninu Cremona.

G.

**MALTESE IN EASY STAGES** — Grammar for Beginners by Albert M. Cassola, with a Foreward by Chev. J.P. Vassallo, O.B.E. K.M. Fourth Edition. 1961.—Progress Press, Valletta, Malta.

Din hi r-Raba' Edizzjoni ta' grammatika elementari tal-Malti għal dawk li jixtieqi jitgħallmu jiktbu bil-Malti. F'din l-edizzjoni ġdida l-A. ma żiedx ħlief Vokabularju ċkejken (Ingliż-Malti) ma' dak li kien hemm f'ta' qabilha, fejn kien żied ukoll Glossarju (Ingliż-Malti) fl-użu komuni.

Milli jidher mill-Prefazzjoni u minn dak li hemm f'dan il-ktejjeb, dan ix-xogħol kien aktarx maħsub għal studenti Ingliżi li ma jafux bil-Malti. Grammatika tal-Malti bl-Ingliż għall-studenti Maltin tidher, madankollu, għall-ewwel, barra minn lokha; kotba għat-tagħlim tal-kitba Maltija, fuq prinċipji grammatikali, kif ukoll grammatiki u studji grammatikali, elementari u xjentifiċi, miktubin b'ilsna barranin, għandna kemm-il wieħed jew waħda, fosthom insemmu l-grammatika bil-Latin u bit-Taljan ta' Vassalli; grammatika tal-Malti bit-Taljan ta' Panzavecchja; l-*Ortografia Maltese* ta' Ġanni Vassallo; Lezzjonijiet bit-Taljan fuq l-ortografija Maltija mill-istess Vassallo fuq it-*Teacher* fl-1928, fejn fl-istess sena dehru oħrajn f'dik ir-rivista fuq l-istess suġġett "*Notes on Maltese Grammar*" ta' A.C. u "*Lessons on Maltese*" ta' M., iżda l-iskopijiet tax-xogħol ta' dawn il-kittieba kienu aktarx akkademiċi milli pedagoġiċi, kif naraw ukoll fil-pubblikazzjoni tal-*Maltese Grammar* ta' Sultcliffe, u għalhekk differenti minn l-iskopijiet ta' l-awtur tal-*Maltese in Easy Stages*.

*A Manual of Maltese Orthography and Grammar* (1922) ta' A. Cremona kien l-ewwel ktieb bl-Ingliż magħmul bil-ħsieb li jgħallem fuq prinċipji elementari l-kitba Maltija taħt sistema qadima użata dik il-ħabta uffiċjalment mill-Gvern għal studenti li kienu iżjed imdorrijin jifhmu l-valur tan-nomenklatura grammatikali bl-Ingliż milli bil-Malti. Illum, wara 26 sena li l-Malti ilu mgħallem fl-iskejjel u użat fl-amministrazzjoni governativa, ħadd ma joħlom joħroġ ktieb fuq il-kitba Maltija jew grammatika Maltija għal studenti Maltin bil-lsien barrani, kif naħseb li ma kontx issib awtur Għarbi f'Tunes jew fl-Alġerija, taħt il-Franċiżi, li jiktiblek Grammatika Għarbija bil-Franċiż għal studenti Għarab, ħlief għal studjużi jew studenti Franċiżi jew studenti ta' nazzjonijiet oħra.

B'danakollu l-ktieb "*Maltese in Easy Stages*" billi aktarx kien u għadu l-ewwelnett maħsub għal studenti Ingliżi jew nies oħra Ingliżi bixxewqa li jitgħallmu jiktbu bil-Malti, bħala xogħol għat-tagħlim ta' ortografija Maltija grammatikali fuq prinċipji elementari u prattiċi, dan il-ktieb għandu l-valur tiegħu skolastiku, u, sa ċertu pont, tekniku wkoll, għalkemm wisq limitat fil-materjal li bih l-istudent ikun jista' iżjed ħafif u birreqqa jistħarreġ fil-Malti bħala Lsien Miktub.

Illi kull kelma mogħtija bħala eżempju *ta' bini ta' kelma* hija mfissra bl-Ingliż, għalkemm fl-aħħar tal-ktieb l-istudent għandu lista sabiħa ta' bosta kliem Malti mfisser bl-Ingliż, ma jfissirx forsi għalkollox li student Ingliż jista' jitħarreġ hekk minnufih fil-bini tal-kelma Maltija, għalkemm ir-reguli huma sempliċi u mfissrin b'mod l-aktar ħafif u prattiku kemm sata' jkun. Fuq hekk dan il-ktieb jiġi għal mument li jista' iżjed jiswa għal student Malti milli għal student Ingliż.

Ta' għajnuna kbira għall-istudent huma l-*keys* (Tweġibiet) li l-A. jagħti ta' kull eżerċizzju fl-aħħar tal-ktieb.

Il-ktieb jinbiegħ għand il-librara kollha bil-prezz ta' 3/6.

## "LIEMA?", "ALIBI", "IL - WIĊĊ U L - QALB", "KIEKU?!" Erba' buzzetti miġburin minn Ivo Muscat-Azzopardi, 1961.

Din hi ġabra ta' erba' buzzetti drammatiċi li kienu deħru għalihom f'xi perjodiċi u li issa s-Sur Ivo Muscat Azzopardi ġabar fi ktieb wieħed.

Dawn l-erba' xogħlijiet ta' tlieta mill-aħjar awturi drammatiċi li għandna f'Malta, għandhom bejn wieħed u ieħor l-istess stil u l-istess gost li bihom miexi l-palk tal-lum: għalkemm il-ġrajja ma jixbhux waħda lill-oħra, il-persunaġġi, xeni, ċirkustanzi u sitwazzjonijiet huma dawk li niltaqgħu magħhom fil-ħajja sinjorili u professjonali ta' żmienna.

L-ewwel buzzett "*Liema?*" ta' Gino Muscat Azzopardi fih ċajta sarkastika fuq dawk il-ġuvintur ta' ħafna paroli, imma bla ħila meta jiġu jieħdu deċiżjoni.

"*Alibi*" hu episodju polizjesk li fih Bendu Muscat, id-detektiv li ħoloq Ivo Muscat Azzopardi l-awtur ta' dan ir-radjo-dramm, jinseġ ixxibka biex jaqbad il-ħati ta' delitt ikrah.

"*Il-Wiċċ u l-Qalb*" ta' Erin Serracino Inglott hu aktarx djalogu dramatizzat li jirrappreżenta sitwazzjoni l-aktar patetika ta' tfajla mifnija bejn l-imħabba lejn il-għarus tagħha u s-sigriet tal-kruha ta' wiċċa.

L-aħħar buzzett "*Kieku?!*" ta' Ivo Muscat Azzopardi hu episodju drammatiku ta' sentiment passjonali li xi drabi jinbet fost il-familji; fih climax oriġinali ħafna.

Is-Sur Ivo Muscat Azzopardi għamel ħaġa sewwa li ġabar dawn l-erba' xogħlijiet fi ktieb wieħed biex ma jintilfux u jintesew għax kollha fihom siwi mhux ċkejken tant letterarju kemm drammatiku.

G.